**JUNIOR LYCEUMS & SECONDARY SCHOOLS**

# ANNUAL EXAMINATION 2002

Educational Assessment Unit - Education Division

FORM 5 RELIGION Time: 1¾hours

Name____________________________________ Class____________________

**L-EWWEL SEZZJONI**

**Wie[eb fil-qosor:**

1. Semmi ż-żewġ għanijiet taż-żwieġ. **(2 marki)**

2.Għid għaliex aħna obligati nieħdu ħsieb l-ambjent. **(2 marki)**

3. X'inhi l-kuxjenza? **(2 marki)**

4. Semmi erba' drittijiet li għandhom il-ħaddiema fix-xogħol. **(4 marki)**

5. Semmi żewġ dmirijiet li għandhom il-ħaddiema fix-xogħol. **(2 marki)**

6. Agħti żewġ kwalitajiet li rridu nfittxu meta niġu biex niddeċiedu liema xogħol nagħżlu skond it-talenti li tana Alla. **(2 marki)**

7. Min fejn ġej id-dwejjaq u t-tbatija tax-xogħol? **(2 marki)**

8. Semmi erbgħa ħidmiet li huma favur il-ħajja. **(4 marki)**

9. Min huma iż-żewġ Papiet li kitbu dawn l-Enċikliċi dwar ix-xogħol: Rerum Novarum u Centesimus Annus **(2 marki)**

**(22 marki)**

**IT-TIENI SEZZJONI**

Fisser dawn il-kelmiet

1. Blandun

2. Il-Midluk t'Alla

3. Solidarjetà

4. Konformiżmu

5. Vendikazzjoni

6. Imħabba “Eros”

7. Imħabba “Filija”

8. Imħabba “Agape”

9. Ċelibat jew Verġinità

10. Battisteru

**(30 marki)**

## IT-TIELET SEZZJONI

**Fuq karta separata wieġeb fit-tul TNEJN minn dawn l-erba’ mistoqsijiet li ġejjin:**

1. Il-ħajja ġejja minn Alla u Hu jgħidilna biex nieħdu ħsiebha.

a) Agħti żewġ eżempji mill-Vanġelu fejn naraw lil Ġesù ifejjaq u jiddefendi l-ħajja.
b) Illum il-ħajja mhux dejjem hija rrispettata. Semmi tlett modi ta’ qtil u fisser x’inhuma?
c) Għaliex il-Knisja ma taċċettax “In Vetro Fertilization”?
d) Xi tfisser toqtol biex tiddifendi ruħek?

2. Il-Miġja ta' l-Ispirtu s-Santu f'nhar Pentekoste ġabet bidla kbira fl-Appostli.
a) Għid fi kliemek il-ġrajja ta' l-inżul ta' l-Ispirtu s-Santu f'Għid il-Ħamsin fuq l-Appostli u għid x'bidla ġabet fihom?
b) Uri kif fil-Magħmudija l-Ispirtu s-Santu jagħtik l-ogħla stima li qatt jista' ikollok.
c) Bis-sagrament tal-Griżma ta' l-Isqof l-Ispirtu s-Santu niżel fik b'qawwa speċjali. X'effett seħħ fil-ħajja tiegħek wara din il-ġrajja?
d) Kif tħoss li għandek tagħti xhieda Nisranija?

3. Alla tana lil Marija bħala mudell għalina.
a) Ikteb il-ġrajja ta' meta Marija saret taf li kellha tkun Omm Ġesù.
b) X'tgħallimna Marija bit-tweġiba tagħha lil Anġlu u biż-żjara lil qariba tagħha Elisabetta.
c) Agħti fi kliemek xi jfissru dawn it-tlett Dommi
   i Marija Omm Alla
   ii L-Immakolata Kunċizzjoni
   iii It-Tlugħ ta' Marija fis-sema (Santa Marija)
d) Agħti żewġ eżempji kif kull nisrani għandu jimita lil Marija fil-ħajja ta' kuljum.

4. "Għalhekk, mela, ir-raġel iħalli lil Missieru u 'l ommu u jingħaqad ma' martu u t-tnejn isiru ġisem wieħed." (Mark 10,2-9)

a) Irrakkonta kif Ġesù għen lill-għarajjes fit-Tieġ ta' Kana.

b) **San Pawl jikteb li l-imħabba:**
   I. "Ma tfittixx dak li hu tagħha"
   II. "Ma żżommx f'qalbha għad-deni"
   III. "l-imħabba ma tmut qatt"
   Uri kif il-miżżewġin li jgħixu dan il-kliem l-imħabba tagħhom ma tispiċċa qatt!

c) Il-Knisja tgħallem li ż-żwieġ għandu dawn il-kwalitajiet:
   I. l-unità
   II. il-fedeltà
   III. l-indissolubilità
   Agħti t-tifsira tagħhom.

d) Fiż-żwieġ Nisrani Ġesù jgħin lill-miżżewġin biex jitqaddsu. Fisser **fit-tul** kif dan jista' jseħħ billi f'ħajjithom jkunu kapaċi
   I. jaħfru lil xulxin
   II. jagħmlu sagrifiċċji
   III. jersqu ta' spiss lejn is-sagramenti tal-Qrar u ta' l-Ewkaristija.

**(48 marki)**